**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta D.I.E.R.**

**Illum:** 19 ta' Novembru, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**-vs-**

**Matthew Pace, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 55969M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża migjuba fil-konfront tal-imputat Matthew Pace u ċioè talli:

> B'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat:
>
> Fil-kwalita' tiegħu ta' direttur jew segretarju jew rapprezentant legali jew *manager*, tal-kumpannija **Uncle Matt's Limited (C-76765)** ta' Windrose,

Triq ta' Xmiexi, Msida u/jew bħala l-persuna li kien inkarigat mill-istess Kumpannija sabiex tħallas il-pagi dovuti:

Naqas li jħallas lil impjegat **Jean Pierre Fava (KI 546785M) il-paga bażika** għall-perjodu bejn l-24 ta' Settembru 2018 u s-7 t'Ottubru 2018 ammontanti għal **€1,002.24**; naqas ukoll li jħallas **il-paga sħiħa dovuta skont il-liġi għall-Ħdud** u dan għall-perjodu ta' bejn it-13 t'Awwissu 2017 u t-23 ta' Settembru 2018, liema nuqqas ta' ħlas jammonta għal **€3,085.28**; naqas ukoll li jħallas **il-paga sħiħa dovuta skont il-liġi għall-Btajjel Pubbliċi** u dan għall-perjodu ta' bejn 3 ta' Diċembru 2017 u l-21 ta' Settembru 2018, liema nuqqas ta' ħlas jammonta għal **€1,453.76**; jħallas ukoll li jhallas il-***weekly allowance pro-rata*** għall-perjodu ta' bejn l-1 t'Ottubru 2018 u 8 t'Ottubru 2018 ammontanti ghal **€4.69**; naqas ukoll li jħallas il-**bonus statutorju pro-rata** għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2018 u t-8 t'Ottubru 2018 ammontanti għal **€73.26**. **Is-somma globali dovuta hija dik ta' ħamest elef, sitt mija u dsatax-il Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€5,619.23).**

Għaldaqstant, il-Qorti ġiet mitluba bir-rispett tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat; ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iħallas l-penali skont il-liġi ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), kif ukoll, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap. 452 u cioe illi naqas li jħallas pagi, għamel tnaqqis illegali, naqas li jħallas xi bonus, żamm xi rimunerazzjoni jew xi pagament li għandu jitħallas minflok in-notice, naqas li jagħti vaganzi bi ħlas, naqas li jagħmel xi pagament dovut lill-impjegat skont l-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jew skont xi ordni ta' standard nazzjonali, ordni biex jirregola settur jew xi ordni ieħor magħmul taħt il-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta; u ai termini tar-Regolament 22 tal-Avviż Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviżi Legali 427 tal-2007 u 259 tal-2012 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u sebgħa u tmenin ċentezmu (€465.87), tordna lill-imputat sabiex iħallas lil **Jean Pierre Fava (KI 546785M) is-somma komplessiva ta' ħamest elef, sitt mija u dsatax-il Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€5,619.23)** għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

Rat id-dokumenti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat-

Illi gie prezentat rikors mill-parte civile Jean Pierre Fava li permezz tieghu nforma lill-qorti li hu w l-imputat *"ftehmu u ttransigew il-pendenzi ta' bejniethom"*.

Illi fil-kors tax-xhieda mghotija mill-imputat Matthew Pace nhar id-29 t'Ottubru, 2019 gew prezentati minnu ghad ta' dokumenti ossia *payslips* – **Dok.MP**[1]. L-imputat ghal diversi drabi kkonferma bil-gurament tieghu li dawn il-*payslips* kienu awtentici.

Illi fix-xhieda tal-parte civile Fava mghotija nhar l-14 ta' Mejju, 2019, ukoll gew esebiti kopji ta' numru ta' *payslips*, li kopja originali taghhom giet esebita fis-seduta tad-29 t'Ottubru, 2019[2].

Rinfaccjata b'zewg settijiet ta' *payslips* li juru rati ta' hlas differenti, ma kienx hemm dubbju li Fava jew Pace kienu prrezentaw dokumentazzjoni falza lil Qorti. Kien ghalhekk li gie mahtur bhala espert fl-informatika Keith Cutajar.

Ir-rapport u x-xhieda moghtija mill-istess espert jitkellmu wahedhom.

Il-Qorti qiset ix-xhieda migbura w senjatament dik ta' fava u rapprezentanti tad-Dipartiment ghall-Impjiegi w Relazzjonijiet Industrijali, u tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha sal-grad mistenni minnha.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 18 u 31 tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 5, 22, 25, 23, 36, 36(11), 45, 46 u 47(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 8 u 22 tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Hin tax-Xoghol, Avviz Legali 247 tal-2003, Avviz Legali 427 tal-2002, tar-regolament 3 tal-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar Allowance fil-Gimgha (Avviz Legali 112 tal-1988), l-Ordni ta1-1990 tal-Kunsill tal-Pagi ghall-Lukandi u Kazini li Jirregola l-Pagi, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu w tikkundannah *multa* ta' €250.

---

[1] Fol.75-121

[2] **Dok.MF a fol.122**

F'kaz li tali ammont ma jithallasx hekk kif ordnat, dan ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ammont ta' **(€1,496.11)** rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment fid-dawl tax-xhieda moghtija minn Matthew Pace u dak esebit minnu, tordna lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dana il-kaz jezistux l-estremi legali li jsawwru, *inter alia*, ir-reati kkontemplati fl-artikoli 103, 105, 108, 111(2), 183, 184, 187, 188 u 189 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fil-konfront tal-istess Matthew Pace.

Il-Qorti tordna li kopja tax-xhieda tieghu kif ukoll dik ta' Keith Cutajar, moghtija f'dawn il-proceduri flimkien ma din is-sentenza jintbaghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex immedjatament jaghmel l-investigazzjonijiet hekk kif ordnat. Ghal dan il-ghan il-Kummissarju tal-Pulizija qed jinghata l-fakolta` li permezz ta' rikors jitlob li jirtira id-dokumentazzjoni mmarkata **Dok. MF** u **Dok. MP** wara li ssir kopja awtentikata tal-istess li ghandha tibqa' inserita f'dawn l-atti.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**